MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Numru. 876/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR BERNARD SPITERI**

**KONTRA**

**OMISSIS**
**JOHAN SCERRI**
**OMISSIS**

**Il-Qorti,**

Rat in-nota tal-ufficjal tal-probation John Testa tas-6 ta' Novembru, 2009, li biha ghamel denunzja fis-sens tal-artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation fejn attira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-fatti segwenti sabiex jittiehdu l-mizuri xierqa w opportuni :

- Illi Johann Scerri naqas milli jzomm kuntatt ma' l-Ufficju u l-Ufficjal tal-Probation skond id-direttivi moghtija lilu;
- Illi naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu sabiex joqghod 'il boghod mid-droga, bir-risultat li huwa abbuza mid-droga eroina;
- Illi naqas milli joqghod ghad-direttivi moghtija lilu sabiexhuwa jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Novembru, 2009 li bih ordnat li din id-denunzja tigi komunikata lil Johann Scerri li kellu jidher fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2009 ghas-smigh tal-provi u ghat-trattazzjoni w provediment dwar in-nota.

Rat is-sentenza taghha tas-16 ta' April, 2009 li kienet tghid is-segwenti :

*" **Il-Qorti;***

*Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;*

*Johann Scerri ta' 28 sena, bin Philip u Maria nee' Falzon, mwieled Pieta nhar is- 26 ta' Novembru 1979, residenti fil-fond numru 7, Sqaq Sabella, Birkirkara u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 563279(M);*

*Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:*

*Talli:*

*1) f' San Giljan, fi Triq Mikelang Borg hekk ghal-habta ta' 11.30am, ta' nhar il- 14 ta' Settembru 2008, ikkommetta serq ta' stereo tal- ghamla Clarion minn vettura tal- ghamla Suzuki Alto, bin- numru tar-registrazzjoni DBN 773, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix- xorta tal- haga misruqa u bil- vjolenza ghad-dannu ta' Nadia Portelli;*

*2) ukoll talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew b'kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom u dan ai terminu tal- Artikolu 334 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;*

*3) ukoll li fl- istess data, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg hddiehor u cioe l- imsemmi stereo, dashboard tal- karozza u l- lock tal- karozza, liema hsara tammonta ghall- valur ta' mhux inqas minn €116.47 izda mhux iktar minn €1164.74 u dang had- dannu ta' Nadia Portelli;*

*Rat id-dokumenti kollha ezebiti;*

*Rat l-atti kollha tal-kawza;*

*Semghet ix-xhieda prodotta;*

*Rat illi l-imputat Johann Scerri irregistra ammissjoni fi stadju avvanzat f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni;*

***Ikkunsidrat:***

*Illi fuq ammissjoni ta' Johan Scerri, il-Qorti qed issibu hati tal-imputazzjonijiet kontra tieghu. Il-Qorti sejra tassorbi l-piena ghall-hsara volontarja fil-konfront Johan Scerri, peress illi dik kienet mezz ghall-fini tar-reat ta' serq, u sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reat ta' ricettazzjoni, peress illi din inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq.*

***Ghal dawn il-motivi l-Qorti;***

*Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 271, 334, 325, 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Johan Scerri hati u ghaldaqstant tikkundannah tlitt (3) snin probation ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat."*

Rat l-ordni ta' Probation maghmul skond l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid testwalment :-

**"U billi l-Qorti jidrilha, wara li hadet kont tac-cirkostanzi tal-kaz, inkluza x-xorta tar-reat u l-kondotta tal-hati, illi huwa spedjenti li taghmel Ordni ta' Probation.**

"U wara li fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni (inkluza l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht) u illi jekk tonqos li thares din l-Ordni jew taghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tlitt snin**, tkun jista' tigi kkundannata ghar-reati li ghalihom qeghda tigi maghmula din l-Ordni, w illi l-hatja wriet li trid thares il-kundizzjonijiet ta' din il-Qorti.

"Ghalhekk tordna li Johann Scerri, residenti 7, Sqaq Sabella, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita' numru 563279M, ikun ghal perjodu ta' **tlitt snin**, mid-data ta' din l-Ordni, taht is-sorveljanza tad-**Direttur tas-Servizzi tal-Probation**, u tordna wkoll li l-hati, ghall-perjodu fuq imsemmi, ghandu jhares ukoll il-kundizzjonijiet addizzjonali hawn taht imsemmija:

1. li ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad- direttivi kollha tal- Probation Officer u jzomm dak il- kuntratt mehtieg u mitlub mill- Ufficjal tal- probation mahtur lilu;
2. l- Ufficjal tal- probation mahtur ghal dan l- iskop ghandu/ha j/tirraporta bil- miktub lil din il- Qorti bil-progress tal- hati kull 3 xhur/sena.
3. il- hati ghandu javza immedjatament lill- Ufficjal tal-probation b' kull bdil li talvolta jaghmel fl- indirizz residenzjali tieghu;
4. li ghandu jzomm ruhu f' kuntatt mal- Ufficjal tal-probation skond id- direttivi li jaghti minn zmien ghall-

iehor l- istess Ufficjal tal- Probation, u partikolarment li huwa ghandu, jekk l- Ufficjal tal- probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal- istess Ufficjal tal- Probation”.

Semghet bil-gurament lil Probation Officer John Testa fl-udjenza tal-lum li kkonferma u amplifika dwar l-allegazzjonijiet minnu maghmula fin-Nota fuq imsemmija w senjatament illi Johann Scerri naqas milli jattendi appuntamenti mieghu bla ebda raguni u ma qaghadx ghad-direttivi moghtija lilu.

Xehed ukoll li minkejja li ta diversi twissijiet lil Scerri li l-atteggjament tieghu ser jigi rapurtat il-Qorti, dan xorta ma sfruttatx l-opportunita’ li kienet inghatatlu.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti hija sodisfatta illi Johann Scerri ma uzufruwiex mill-ahhar opportunita’ li tatu din il-Qorti biex ibiddel hajtu taht is-sorveljanza w bl-ghajnuna w direzzjoni li kellha tinghatalu mill-probation officer fuq imsemmi.

Din il-Qorti harget barra minn trieqtha biex tipprova twassal lil Scerri ghall-hajja ahjar, imma issa jidher car li dan l-isforz kien kollu ghal xejn u ghalhekk, il-Qorti ma faddalhiex triq ohra hlief li tapplika ir-riguri tal-ligi fil-konfront tieghu ghar-reati minnu kommessi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 21 tal-Att VII tal-2002 dwar il-Probation u, in vista tan-nuqqas tal-probationee li jhares il-kundizzjonijiet fuqu mposti fil-probation order fuq riprodott;

Taghzel li tittratta mieghu ghar-reati li dwarhom kienet imponiet is-sanzjoni komunitarja w konsegwentement, wara li rat l-artikoli 261, 262, 263, 271, 334, 325, 49, 50, u

289 tal-Kap. 9, tikkundannah ghal terminu ta' sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------